MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Numru. 333/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur  Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Roberta Mulvaney**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Roberta Mulvaney ta' 29 sena imwielda Pieta fl-1 ta' Dicembru 1977 bint Daniel u Catherina nee Cauchi, residenti No. 88 Redentur, Triq ir-Rinella, Kalkara, detentrici tal-karta ta' l-Identita numru 144887 (M)..

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer,  fit-12 ta' Awissu 2006

1. kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienitx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzata li timmanifattura, jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha u naqset milli tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatha bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga’ tikkonsidra t-twegiba taghha u terga’ lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena u li l-ufficjal prosekutur irrakkommanda li l-imputata ghandha titqieghed taht Ordni ta’ Probation,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputata stess, il-Qorti issib lill-imputata hatja ta’ l-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, li l-fedina penali taghha m'hijiex allarmanti - ghalkemm irid jinghad li l-fedina giet mahruga fit-7 ta' Awissu ta' l-2007, li l-imputata qed taghmel tentattiv serju biex tohrog mill-vizzju tad-droga tant li qed taghmel programm mal-agenzija Caritas, u l-fatt li l-Ufficjal Prosekutur stess ammetta li l-imputata kienet bidlet hajjitha miz-zmien ta' l-akkuza u irrakkomanda Ordni ta' Probation. Fil-fatt b'sentenza moghtija illum stess fl-ismijiet premessi minn din il-Qorti kif preseduta, l-imputata giet impoggija taht Ordni ta' Probation ghal zmien 3 snin mil-lum, u ghalhekk m'huwiex il-kaz li l-imputata tigi impoggija taht Ordni ta' Probation ohra.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artkoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939 issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjoni migjuba kontra taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Ai termini ta' l-Artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti spjegat bi kliem car u semplici lill-imputata il-portata ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------